**Walter Camilleri**
6, "Waltrose", Triq it-Turretta, Santa Venera. SVR1370
Tel: 21 488 113

Lil Dottor Simon Busuttil LLD, MP
Kap tal-Partit Nazzjonalista
"Dar Centrali PN"
Triq Herbert Ganado
Tal-Pietà.

11 ta' Settembru 2013

**Suġġett: IL-JIEM – FESTI NAZZJONALI TA' MALTA.**

ONOREVOLI SINJUR,

1. Qed nikteb direttament lilek biex ġentilment tiehu f'idejk dan is-suġġeriment umli tiegħi u jekk jogħġbok, iddireġieh u ddiskutieh fl-organi approprijati tal-Partit tiegħek għal kull kunsiderazzjoni ġusta u xierqa fl-interess nazzjonali.

2. Billi issa qed jerġa' jitqanqal l-argument dwar kemm għandu jkollna **Festi-Jiem Nazzjonali f'Malta u Għawdex** – li milli jidher lil hemm mexjin; u billi l-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta donnu li ġa poġġa l-pedament u ġa witta t-triq biex minn ħames festi nazzjonali ġustament ninżlu għal tnejn biss:- 21 ta' Settembru u 13 ta' Diċembru (jekk minix sejjer żball); u billi jidhru li ż-żewġ partiti politiċi ewlenin mhux qed jopponu, u/jew, mhux qed joġġezzjonaw għal din il-proposta rikonċiljatorja tal-President ta' Malta; u billi dawn iż-żewġ dati storiċi ta' portata politika b'xi mod se jaffettwaw nofs b'nofs il-maturità u l-psikoloġija politika partiġġjana tal-poplu tagħna kif ilna sejrin biha; u billi milli jidher, b'xi mod jew ieħor il-poplu jista' jkompli juri xi sinjal ta' dissens jew sinjali divisivi;

3. **Jidhirli**, li fiċ-ċirkustanzi għandna ndħallu Festa oħra, li żgur li l-poplu kollu ta' Malta u Għawdex iqim u jgħożż u b'riħitha, iż-żewġ festi l-oħra politiċi, filwaqt li tibqalhom dik l-importanza storika enormi dovuta lilhom, jonqsilhom il-partiġġjaniżmu fanatiku u b'hekk inkabbru ~~finha~~ fina maturità u edukazzjoni politika akbar.

4. Nifhem u nemmen, li qabel ma kienu waslu fuqna dawn iż-żewġ dati u ġrajjiet storiko-politiċi ta' mportanza kbira fl-istorja riċenti ta' pajjiżna li ġa semmejna aktar 'il fuq, għandna niftakru u ma ninsewx fl-istess ħin u nemmnu bis-sħiħ, li: **IL-MIĠJA TAL-APPOSTLU MISSIERNA SAN PAWL F'MALTA, AD 60,** u fl-istess ħin: **IL-MAGĦMUDIJA TAGĦNA – MALTIN U GĦAWDXIN – FI KRISTU SIDNA,** hi verament l-akbar ġrajja fl-istorja ġenerali ta' Malta u Għawdex, li żgur li bidlet il-kors tal-istorja ta' dan l-arċipelagu tagħna f'nofs dan il-Baħar Mediterran mimli dmija u kontroversji!

5. Għalhekk, bir-rispett kollu nissuġġerilek, Onorevoli Sinjur, li filwaqt li l-Partit tiegħek għandu jifhem, jemmen u japprezza li għandu jidħol fl-ispirtu ta' din l-ittra-

suġġeriment umli tiegħi sal-punt li jaċċettaha, tant ieħor nissuġġerilek u nirrakkomandalek li l-**10 ta' Frar** ta' kull sena jkun JUM dijrarat mill-Parlament Malti b'maġġoranza assoluta bħala: **IT-TIELET FESTA NAZZJONALI TA' MALTA** u hekk għandha titniżżel fil-Kostituzzjoni ta' Malta maż-żewġ festi l-oħra.

6. Dan għall-fatt straordinarju waħdieni fl-istorja ta' Malta, li fl-10 ta' Frar, aħna l-Maltin u l-Għawdex f'dawn il-gżejjer u 'l barra minnhom, niċċelebraw: **IS-SOLENNITÀ TA' SAN PAWL NAWFRAGU,** jew aħjar, **IL-FESTA TAL-APPOSTLU TA' MALTA SAN PAWL – PATRUN U PROTETTUR SPEĊJALI TA' MALTA, GĦAWDEX U L-ARĊIPELAGU MALTI KOLLU** kif ukoll, kif ġa għidna aktar 'il fuq, niċċelebraw: **IL-MAGĦMUDIJA TAGĦNA FI KRISTU SIDNA PERMEZZ TAL-APPOSTLU MISSIERNA SAN PAWL.** U f'dan, Alla ħares indaħħlu l-misħut parrokkjaliżmu ta' għajb kbir għalina lkoll.

7. NISTAQSI: Għandniex ġrajja akbar minn din fl-istorja ta' Malta u Għawdex, li saħansitra hi reġistrata fl-ATTI TAL-APPOSTLI TAL-KOTBA MQADDSA? Ma ninsewx, li ċ-ċiviltà u l-kultura li ħaddanna tul is-sekli, tnisslu minn din il-ġrajja *"Pawlina"* AD 60.

8. Il-politika partiġġjana u pikuża li tweġġa hi dik li hi f'dawn il-gżejjer tagħna! Il-poplu tagħna jaf jinfired u jaf jingħaqad skont l-għajta u d-direzzjoni tal-mexxejja politiċi tiegħu! Ma nara l-ebda ostaklu jew problema li din il-festa reliġjuża tal-**10 ta' Frar** – ta' portata arċidjoċesana – tkun dikjarata mill-parlament Malti: **FESTA NAZZJONALI** maż-żewġ festi politiċi l-oħra li ġa semmejna. Wara kollox, din il-festa ***"Pawlina"*** *ilha* ***meqjusa*** *bħala "Festa Nazzjonali"* b'mod populari, tal-anqas sa mis-sena 1888, meta din il-festa kienet saret FESTA KMANDATA *għad-djoċesi ta' Malta kollha* mill-Amministratur Appostoliku għal Malta, l-Isqof Patri Anton Maria Buhagiar OFM Cap.

9. Imma dak iż-żmien, it-tifsira ta' *"Festa Nazzjonali"* kellha sinifikat wiesgħa, u "populari" ossija dak ta' "**festa ta' Portata djoċesana għal Malta kollha**". Intant, id-diversità f'waqtha hi sabiħa u tagħmel il-ġid. B'danakollu, ma naqbilx li għandu jkollna għaxar Innijiet Nazzjonali uffiċjali bl-iskuża tad-diversità, jew li jkollna xi sebgħa Bnadar Nazzjoanli, jew xi erbgħa Emblemi Nazzjonali!! **Pero'** fiċ-ċirkustanzi attwali nemmen, li hu mpossibbli u mprobabbli li f'Malta naslu biex niftiehmu fuq JUM WIEĦED Nazzjonali! Il-kontroversja ilha ġejja. Ilna nibdlu daqqa jum u daqqa ieħor sa mis-sena 1922. Li jkollna *"Tnejn",* naħseb li naslu niftiehmu b'ħafna skossi! Imma fl-ebda jum minn dawn it-tnejn ma nara li se jkollna dik l-Għaqda Nazzjonali tant mixtieqa!

10. Konvint b'danakollu, li fiċ-ċirkustanzi politiċi attwali u bi kliem meqjus u riverenti miż-żewġ partiti politiċi fl-interess nazzjoanli, għandu jkollna mhux aktar minn **TLIET FESTI NAZZJONALI:** < 10 ta' Frar; 21 ta' Settembru u 13 ta' Diċembru > b'San Pawl Appostlu jbierek u jwieżen il-poplu ta' Malta u Għawdex – qiegħed fejn qiegħed fid-

dinja. Il-poplu għandu l-ħila jirreaġixxi għas-sejħa, it-ton u l-mod kif jesprimi ruħu l-politiku. Anzi, jekk ikun hemm, jew ma jkunx hemm qbil fuq dawn it-tliet festi Nazzjonali, għandu jkun hemm dikjarazzjoni konġunta intelliġenti miż-żewġ partiti u bi kliem rispettabbli, dinjituż, riverenti u ta' ferur bla esaġerazzjonijiet.

11. Il-poplu jaf jifhem il-messaġġ u l-mod ta' kif jitwassal mill-politiċi. Jekk b'mod rispettabbli eċċ. l-Għaqda Nazzjonali sseħħ u tistrieħ fuq tapit tal-bellus. Jekk għall-kuntrarju, il-partiti politiċi, u/jew, il-politiċi jużaw kliem iebes, dispreġjattiv, pikus u offensive, allura stenna li l-poplu jifhem dan il-messaġġ ukoll u l-firda tkompli bejnietna. U addio l-Kelma ta' Alla u ħidmet l-Appostlu tagħna San Pawl! F'dan il-każ ikollna politiċi falluti u opportunisti. Il-maġġoranza assolta tal-poplu tagħna se taqbel ma' dawn it-tliet festi nazzjonali u taċċettahom b'maturità billi San Pawl jgħaqqad u ma jifridx, għax dak kien il-providenzjali qaddej tal-Mulej għalina lkoll tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada.

12. Ma nemminx li hemm il-ħtieġa ta' Referendum. It-tliet dati huma l-akbar tliet dati-ġrajjiet li minnhom u bihom issawwret u kibret bi tbatija kbira Malta tagħna. L-għaqal tal-politiċi u l-parlamentari rappreżentanti tagħna hu biżżejjed. Mill-banda l-oħra ma ninsewx l-anqas, illi l-Festa Nazzjonali proposta tal-10 ta' Frar mhix se taffettwa l-ekonomija ta' Malta u Għawdex b'mod ħażin, billi l-10 ta' Frar ġa hi Btala Pubblika f'dawn il-Gżejjer.

Ħajr talli smajtni u tal-koperazzjoni ġentili tiegħek.

Dejjem tiegħek,

Walter Camilleri
ID 827446 (M)

11 ta' Settembru 2013

Kitbiet oħra tiegħi dwar is-suġġett:

| | |
|---|---|
| "Il-Ħajja" | 2 ta' April 1981. |
| "Il-Mument" | 19 ta' April 2009. |
| Ibid. | 6 ta' Jannar 2013. |
| Ibid. | 7 ta' Lulju 2013. |

cc. Partit Laburista.